# QORTI TAL-MAGISTRATI MALTA

**MAGISTRAT**

**DR. MICHAEL MALLIA, LL.D.**

**Seduta ta' nhar it-Tnejn, 11 ta' Gunju, 2001**

**Numru**

**Avviz numru: 388/01mm**

**J. R. Enterprises Limited**

**vs**

**Concept Limited**

**Il-Qorti,**

Wara li rat it-talba tas-socjeta' attrici ghall-kundanna tas-socjeta' konvenuta ghall-hlas tas-somma ta' disa' mija u hamsa u disghin lira Maltin u wiehed u tletin centezmu (Lm995.31) rapprezentanti prezz ta' merkanzija mibjugha u konsenjata lis-socjeta' konveuta.

Bl-ispejjez, unkluzi dawk tal-Mandat ta' Qbid u Mandat ta' Sekwestru kawtelatorji prezentati konteswalment ma' l-Avviz, u bl-imghax ulterjuri, kontra s-socjeta' konvenuta li giet ingunta ghas-subizzjoni.

Rat in-nota tas-socjeta' attrici li biha rriduciet it-talba attrici ghall-ammont ta' erba' mija u hamsa u disghin lira Maltin u wiehed u tletin centezmu (Lm495.31)

Wara li rat in-Nota tal-Mistoqsijiet tas-socjeta' attrici sabiex is-socjeta' konvenuta twiegeb ghalihom bil-gurament u b'hekk il-kreditu jigi pruvat (Art. 698(2) u 702 Proc. Civili);

Billi ghalkemm notifikata regolarment is-socjeta' konvenuta naqset u ma dehritx, la fl-4 ta' Gunju, 2001, meta gew ipprezentati l-kapitoli u l-anqas illum, u n-Nota tal-Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra;

Tiddeciedi billi tilqa' t-talba attrici kif ridotta bl-ispejjez kontra s-socjeta' konvenuta.